10 ta' Mejju, 1951
**Imħallef:**
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.
**Wara l-attijiet ta' l-arrest personali fl-ismijiet:—**
**Salvatore Portelli *versus* Eliseo Mallia**

**Arrest Personali — Xhud — Art. 364 Kap. 15.**

*Id-debitur ma jistax jiġi arrestat (fost każijiet oħra) fil-waqt li jidher biex jeżegwixxi dmir taħt ordni bil-miktub tal-Kunsill tal-Gvern, jew ta' Qorti ta' Gustizzja, jew ta 'awtorità oħra kompetenti, jew fiż-żmien meħtieġ biex imur u jiġi lura.*

*Biex ikun hemm lok għal din l-eżenzjoni hemm bżonn li l-ordni jkun bil-miktub; u għalhekk, jekk id-debitur jidher biex jixhed f'kawża minn jeddu, bla ma kien inġunt, dik l-eżenzjoni ma sseħħx, avvolja d-debitur ikun ġie inġunt, imma ma jkunx ġie notifikat bl-inġunzjoni.*

Il-Qorti, — Rat ir-rikors ta' Eliseo Mallia, preżentat il-bieraħ, 9 ta' Mejju 1951, li bih dan talab li jiġi liberat mill-arrest personali maħruġ fit-23 ta' April 1951, fl-ismijiet "Salvatore Portelli" u eżegwit fid-9 ta' Mejju 1951, fuq il-motiv indikat fl-art. 364 (c) Kap. 15;

Illi skond l-art. 364 Kap. 15, id-debitur ma jistax jiġi arrestat (fost każijiet oħra) fil-waqt li jidher biex jeżegwixxi dmir taħt ordni "bil-miktub" tal-Kunsill tal-Gvern, jew ta' Qorti tal-Gustizzja, jew ta' Awtorità oħra kompetenti, jew fiż-żmien meħtieġ biex imur u jiġi lura;

Illi f'dan il-każ ir-rikorrent ma kellu ebda ordni bil-miktub, għaliex, kif deher mill-provi, l-inġunzjoni ħalli jservi ta' xhud ma kienetx ġiet lilu notifikata (ara riferta negativa fol. 14 tergo ċitazzjoni 276/1951 "Attard vs. Cassar", Prima Awla);

Illi l-fatt li r-rikorrent ġie minn jeddu, jew fuq talba tal-parti, biex jixhed, bla ma kien inġunt, ma jfisser xejn; għaliex il-liġi teżiġi "expressis verbis" li l-ordni tal-Qorti jkun "bil-miktub";

Illi l-ispiritu ta' dina d-dispożizzjoni tal-liġi hu ċar, inkwantokkè l-leġislatur ma riedx iqiegħed id-debitur fid-dilemma illi jew jiġi jixhed in ubbidjenza għall-ordni tal-Qorti u jirriskja li jiġi arrestat, meta jkun hemm kontra tiegħu mandat ta' arrest tal-persuna għal djun, jew inkella li ma jiġix u jinkorri l-pieni għal disprezz ta' l-awtorità tal-Qorti u jiġi kundannat għall-ammenda u jsir passibili ta' mandat ta' skorta jew arrest. Dan id-dilemma ma jeżistix meta ma hemmx ingunzjoni debitament notifikata u x-xhud jiġi bla ma jkun inġunt. Ir-"ratio legis" għalhekk ma tirrikorrix — dan appartì l-ittra ċara u univoka tal-liġi;

Illi, dippjù, din hija dispożizzjoni ta' indoli eċċezzjonali, bħala li tirrestrinġi l-eżekuzzjoni ta' mezz koattiv konċess lill-kreditur, u għalhekk ma għandhiex tiġi estiża, apparti l-fatt illi l-ittra ċara tal-liġi u r-"ratio legis" jirreżistu għal kwalunkwe interpretazzjoni estensiva;

Għalhekk;

Tiċħad it-talba; bl-ispejjeż.